



Dokument ta' sessjoni

B8-0344/2017

15.5.2017

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar kif niżguraw li r-rilokazzjoni taħdem
(2017/2685(RSP))

Auke Zijlstra, Lorenzo Fontana, Gilles Lebreton, Harald Vilimsky
f'isem il-Grupp ENF

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar kif niżguraw li r-rilokazzjoni taħdem (2017/2685(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2017 dwar kif nagħmlu r-rilokazzjoni taħdem,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-politika tal-immigrazzjoni u l-asil hija kompetenza esklużiva tal-Istati Membri sovrani;
- B. billi l-immigrazzjoni tal-massa mħeġġa mill-UE minn pajjiżi mhux Ewropej uriet li hija konsiderevolment problematika u ta' xkiel politikament, ekonomikament, soċjalment u kulturalment;
- C. billi ċ-ċifri tal-UNHCR juru li 2.65 % biss tal-migranti li waslu fl-Italja fl-2016 ingħataw l-asil bħala refuġjati ġenwini u li 90 334 mill-181 436 migrant għebu fl-ekonomija s-sewda mingħajr ma talbu jew stennew l-asil¹;
- D. billi ġie stabbilit b'mod empiriku mill-Eurofound li ż-żgħażaġh Ewropej għandhom anqas opportunitajiet ta' mobilità soċjali 'l fuq²;
- E. billi l-politika ta' migrazzjoni tal-massa infurzata mill-UE fl-ebda ċirkostanza ma tista' ssolvi l-isfidi demografiċi, kif ġie pprovat ukoll mill-Uffiċċju CPB tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-Analiżi tal-Politika Ekonomika³, li ddikjara li l-influss ta' migranti mhux se jsolvi l-problemi finanzjarji li jirriżultaw minn kwistjonijiet demografiċi ta' popolazzjoni li qed tixjieħ;
- F. billi l-Fond Monetarju Internazzjonali ta l-parir li l-UE tipprovdi salarji 'temporanjament' aktar baxxi lill-migranti⁴; billi d-dumping soċjali għandu effett ta' tfixkil fuq is-suq tax-xogħol, billi joħloq aktar kompetizzjoni bejn il-migranti u l-Ewropej u jwassal għal deterjorament fis-sigurtà soċjali u għal faqar mifrux, speċjalment fost il-ħaddiema b'inqas ħiliet;
- G. billi l-Ungerija kienet effettiva ħafna fil-ġestjoni u t-tnaqqis tal-influss ta' migranti fit-territorju tagħha;
- H. billi l-approċċ Awstraljan kellu dejjem aktar suċċess fit-tnaqqis tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Awstralja u fl-istess ħin biex itemm l-imwiet ta' migranti fil-baħar;

¹ <http://www.dailymail.co.uk/news/article-4442910/Less-3-migrants-reached-Italy-refugees.html>.

² <https://www.neweurope.eu/article/europes-x-men-first-live-worse-parents/>.

³ <https://www.cpb.nl/persbericht/329217/immigratie-niet-effectief-tegen-vergrijzing>.

⁴ <http://www.euractiv.com/section/justice-home-affairs/news/imf-recommends-paying-refugees-below-the-minimum-wage/>.

- I. billi l-programm ta' rilokazzjoni tal-UE huwa konsegwenza diretta tal-falliment ta' Schengen u tal-politika ta' fruntieri miftuħa;
- J. billi, bħala riżultat tal-aggressjonijiet sesswali tal-massa mwettaq minn migranti fuq nisa Ewropej f'Kolonja u għexieren ta' bliet Ewropej oħra, is-sigurtà ta' ħafna nisa qed tiġi pperikolata;
- K. billi l-programm ta' rilokazzjoni obbligatorja ma għandu l-ebda bażi ġuridika;
- L. billi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħmilha impossibbli li l-Istati Membri jiġġestixxu l-flussi ta' migrazzjoni u anki tagħti multi lil dawk l-Istati, kif intwera mill-multi lill-Italja fl-2009¹;
 - 1. Jenfasizza l-prinċipju li huwa parti mis-sovranità tal-istati kollha li jiddeterminaw l-politika tal-asil u tal-immigrazzjoni tagħhom;
 - 2. Huwa tal-fehma li l-politika ta' fruntieri miftuħa tal-UE hija inċentiv li thegġegġ aktar migranti jippruvaw jaqsmu l-baħar Mediterran;
 - 3. Jirrifjuta l-prinċipju ta' rilokazzjoni furzata u jenfasizza li huwa aktar effettiv li r-rifuġjati u l-applikanti tal-protezzjoni internazzjonali jiġu ospitati f'partijiet sikuri fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom jew fir-reġjuni tagħhom stess;
 - 4. Jinnota li kwalunkwe stat jista' leġittimament iqis dħul u residenza irregolari ġewwa l-fruntieri tiegħu bħala azzjoni illegali u li dan jista' jiġi kkastigat u ġġudikat bħala reat;
 - 5. Jikkundanna r-rwol mhux ċar li għandhom xi NGOs fil-Baħar Mediterran;
 - 6. Ithegġegġ lill-Istati Membri jimplimentaw l-approċċ Awstraljan fil-qasam tal-immigrazzjoni;
 - 7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

¹ <https://www.theguardian.com/world/2012/feb/23/italy-human-rights-migrants-libya>.